

21997A0618(06)

L 161/41

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.6.1997

SKAMBJU TA' ITTRI

li jirreġistra l-ftehim komuni dwar il-prinċipji ta' koperazzjoni internazzjonali dwar attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-qasam ta' sistemi intelliġenti ta' fabbrikazzjoni (SIF) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Ġappun, l-Awstralja, il-Kanada u l-pajjiżi ta' l-EAKH tan-Norveġja u l-Isvizzera

A. *Ittra mill-Komunità*

Brussel, 19 ta' Marzu 1997.

Sinjur,

Nirreferi għad-diskuzzjonijiet li sehnew li jirrigwardaw koperazzjoni internazzjonali dwar attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-qasam ta' sistemi intelliġenti ta' fabbrikazzjoni (SIF) bejn il-parteċipanti, jiġifieri l-Komunità Ewropea, u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Ġappun, l-Awstralja, il-Kanada, u l-pajjiżi ta' l-EAKH tan-Norveġja u l-Isvizzera.

L-għan ta' din l-ittra huwa li jiġi reġistrat il-ftehim komuni li ntlaħaq dwar il-prinċipji ta' koperazzjoni tas-SIF. L-ittra tikkomplimenta t-Termini ta' Referenza (TtR) żviluppata mill-Kumitat ta' Tmexxija Internazzjonali fit-tmiem ta' l-istudju ta' possibiltà tas-SIF fl-1994 u timmodifika l-Artikolu VIII tat-TtR u l-Artikolu 1.13 ta' l-Appendiċi 2 tat-TtR kif indikati hawn taħt. It-TtR, u l-Appendiċijiet mat-TtR, huma annessi ma' din l-ittra.

1. *Għan*

Parteċipanti jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw koperazzjoni bejn entitajiet, stabbiliti fit-territorji tagħhom (fit-territorji ta' l-Istati Membri tiegħu fil-każ tal-Komunità Ewropea), fil-qasam tas-sistemi intelliġenti ta' fabbrikazzjoni. Koperazzjoni bħal din għandha tiżgura bilanċ ta' benefiċċji u kontribuzzjonijiet, tkun ta' rilevanza industrijali u tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' interess u ftehim bejn xulxin.

2. *Temi tekniċi għal koperazzjoni tas-SIF*

Il-koperazzjoni se tkopri inizjalment il-ħames temi tekniċi li ġejjin:

- (a) kwistjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja totali tal-prodott;
- (b) kwistjonijiet ta' proċessar;
- (ċ) għodda ta' strateġija/ppjanar/disinn;
- (d) kwistjonijiet umani/organizzattivi/soċjali, u;
- (e) kwistjonijiet ta' intrapriżi virtwali u estiżi.

Temi oħra fl-iskop tas-SIF jistgħu jiġu maħsuba, madankollu, għandu jiġi żgurat li temi tekniċi ġodda huma konsistenti mal-politika tal-gvern u proġoritajiet industrijali tar-reġjuni parteċipanti.

3. *Forom u mezzi ta' koperazzjoni*

Koperazzjoni tinvolvi parteċipazzjoni fi proġetti minn entitajiet, bi qbil ma' proċeduri adottati li huma komuni għall-ħolqien u l-operat ta' *consortia* internazzjonali u tista' tinkludi visti, taħriġ u bdil ta' xjentisti, inġiniera u personal xieraq ieħor għal għanijiet rilevanti għall-implimentazzjoni u t-tlestija b' suċċess tal-proġetti.

4. *Disseminazzjoni u utilizzazzjoni tat-tagħrif*

Drittijiet ta' propjeta intellettwali (DPI) li jirrisultaw minn proġetti mwettqa mas-SIF ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tas-SIF/DPI mogħtija fl-Appendiċi 2 tat-TtR. Dan l-Appendiċi jiġi emendat fl-Artikolu 1.13 sabiex jirrifletti li l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvetza huma membri ta' l-Unjoni Ewropea.

5. *Finanzjament*

Finanzjament ta' attivajiet koperattivi jkunu suġġetti għad-disponibbiltà ta' fondi u għall-liġijiet u regolamenti, politika u programmi applikabbli tar-reġjuni parteċipanti.

Kull parteċipant jkopri l-parteċipazzjoni tiegħu.

Kull parteċipant jikkontribwixxi, f' fondi jew f' oġġetti, b' manjiera ġusta għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet u l-ispejjeż tas-segretarjat interreġionali.

6. *Implimentazzjoni tas-SIF*

Rappreżentanti tal-parteċipanti maħtura għall-Kumitat ta' Tmexxija Internazzjonali (KTI) jaġixxu bħala l-kuntatt bejn il-KTI u l-amministrazzjonijiet/gvernijiet pubbliċi rispettivi tagħhom. Ir-rappreżentattivi tal-parteċipanti se jimmonitorjaw l-implimentazzjoni rigward l-iskop, il-prinċipji u l-istruttura tal-programm tas-SIF u jkollhom rwol ta' tħaffif. B' żieda ma' dan ikollhom il-funzjonijiet li ġejjin:

- jiffacilitaw koperazzjoni ġdida bejn is-segretarjati reġjonali,
- bdil ta' tagħrif dwar Prattika lokali, liġijiet, regolamenti u programmi rilevanti għall-koperazzjoni,
- jiffaċilitaw parteċipazzjoni ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (IŻM) direttament u indirettament fil-programm tas-SIF. B' mod partikolari dan ikun jinkludi aċċess għal faċilita elettronika ta' tfittxija ta' sieħeb u reġistru elettroniku ta' espressjonijiet ta' interess, u,
- jippreżentaw għad-deċiżjoni lil amministrazzjonijiet tal-gvern/pubbliċi r-rakkomandazzjonijiet tal-KTI għad-dħul ta' parteċipanti ġodda.

Il-parteċipanti jorganizzaw, imexxu jew jinnominaw is-segretarjati reġjonali rispettivi tagħhom. B' mod partikolari, is-segretarjati reġjonali jinkludu r-responsabbiltajiet li ġejjin:

- jiffaċilitaw l-għażla f' waqtha ta' proġetti fil-livell reġjonali, skond ir-regoli u l-proċeduri fis-seħħ fir-reġjun tal-parteċipant.
- jassistu fil-formazzjoni ta' *consortium* ġo u matul reġjunijiet rispettivi, u,
- jaħdmu ma' gruppi ta' infrastruttura reġjonali biex jiffaċilitaw SIF.

7. *Dewmien*

Il-programm tas-SIF ikollu dewmien ta' 10 snin, kull parteċipazzjoni jkun jista' jirtira f' kull waqt bla ħsara għal avviż ta' 12-il xahar. Il-parteċipanti jstgħu jirvedu l-prinċipji tal-koperazzjoni tagħhom ħames snin wara l-ftuħ tagħhom sabiex jaraw jekk għandhiex titkompla, tiġi modifikata jew terminata. Dan jibel l-Artikolu VIII tat-TtR.

8. *Implimentazzjoni ta' SIF fl-Ewropa*

Il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera u n-Norveġja jirriserva l-għażla li jaġixxu flimkien bħala reġjun waħdieni, li jrid jiġi rappreżentat minn delegazzjoni kombinata dwar il-Kumitat ta' Tmexxija Internazzjonali u jiġi appoġġjat minn Segretarjat Ewropew SIF waħdieni.

Il-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea ttiprovdi l-appoġġ meħtieġ għas-segretarjat reġjonali.

Din l-ittra, flimkien ma' l-aċċettazzjoni tagħha mill-parteċipanti, tikkomplimenta u timmodifika t-TtR u tirreġistra l-ftehim komuni dwar il-prinċipji ta' koperazzjoni tas-SIF. Inkun kuntent jekk nirċievi l-konferma bikrija tiegħek ta' dan il-ftehim.

Fisem il-Komunità Ewropea

S. Miccosi

B. *Ittra mill-Isvizzera*

Berne, 9 ta' April 1997.

Sinjur,

Jiena ngħarrfek li rċevajt l-ittra tiegħek tad-19 ta' Marzu 1997 li tinqara kif ġej:

“Nirreferi għad-diskuzzjonijiet li seħħew li jirrigwardaw koperazzjoni internazzjonali dwar attivitajiet ta' rċerka u żvilupp fil-qasam ta' sistemi intelliġenti ta' fabbrikazzjoni (SIF) bejn il-parteċipanti, jiġifieri l-Komunità Ewropea, u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Ġappun, l-Awstralja, il-Kanada, u l-pajjiżi ta' l-EAKH tan-Norveġja u l-Isvizzera.

L-għan ta' din l-ittra huwa li jiġi reġistrat il-ftehim komuni li ntlaħaq dwar il-prinċipji ta' koperazzjoni tas-SIF. L-ittra tikkumplementa t-Termini ta' Referenza (TtR) żviluppata mill-Kumitat ta' Tmexxija Internazzjonali fit-tmiem ta' l-istudju ta' possibiltà tas-SIF fl-1994 u timmodifika l-Artikolu VIII tat-TtR u l-Artikolu 1.13 ta' l-Appendiċi 2 tat-TtR kif indikati hawn taħt. It-TtR, u l-Appendiċijiet mat-TtR, huma annessi ma' din l-ittra.

1. *Għan*

Parteċipanti jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw koperazzjoni bejn entitajiet, stabbiliti fit-territorji tagħhom (fit-territorji ta' l-Istati Membri tiegħu fil-każ tal-Komunità Ewropea), fil-qasam tas-sistemi intelliġenti ta' fabbrikazzjoni. Koperazzjoni bħal din għandha tiżgura bilanċ ta' benefiċċji u kontribuzzjonijiet, tkun ta' rilevanza industrijali u tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' interess u ftehim bejn xulxin.

2. *Temi tekniċi għal koperazzjoni tas-SIF*

Il-koperazzjoni se tkopri inizjalment il-ħames temi tekniċi li ġejjin:

- (a) kwistjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja totali tal-prodott;
- (b) kwistjonijiet ta' proċessar;
- (ċ) għodda ta' strateġija/ppjanar/disinn;
- (d) kwistjonijiet umani/organizzattivi/soċjali, u,
- (e) kwistjonijiet ta' intrapriżi virtwali u estiżi.

Temi oħra fl-iskop tas-SIF jistgħu jiġu maħsuba, madankollu, għandu jiġi żgurat li temi tekniċi ġodda huma konsistenti mal-politika tal-gvern u proyoritajiet industrijali tar-regġuni parteċipanti.

3. *Forum u mezzi ta' koperazzjoni*

Koperazzjoni tinvolti parteċipazzjoni fi proġetti minn entitajiet, bi qbil ma' proċeduri adottati li huma komuni għall-ħolqien u l-operat ta' *consortia* internazzjonali u tista' tinkludi visti, taħriġ u bdil ta' xjentisti, inġiniera u personal xieraq ieħor għal għanijiet rilevanti għall-implimentazzjoni u t-tlestija b' suċċess tal-proġetti.

4. *Disseminazzjoni u utilizzazzjoni tat-tagħrif*

Drittijiet ta' propjeta intellettuali (DPI) li jirrisultaw minn proġetti mwettqa mas-SIF ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tas-SIF/DPI mogħtija fl-Appendiċi 2 tat-TtR. Dan l-Appendiċi jiġi emendat fl-Artikolu 1.13 sabiex jirrifletti li l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvexja huma membri ta' l-Unjoni Ewropea.

5. *Finanzjament*

Finanzjament ta' attivitajiet koperattivi jkunu suġġetti għad-disponibbiltà ta' fondi u għall-liġijiet u regolamenti, politika u programmi applikabbli tar-regġuni parteċipanti.

Kull parteċipant jkopri l-parteċipazzjoni tiegħu.

Kull parteċipant jikkontribwixxi, f' fondi jew f' oġġetti, b' manjiera ġusta għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet u l-ispejjeż tas-segretarjat interreġjonali.

6. Implimentazzjoni tas-SIF

Rappreżentanti tal-parteċipanti maħtura għall-Kumitat ta' Tmexxija Internazzjonali (KTI) jaġixxu bħala l-kuntatt bejn il-KTI u l-amministrazzjonijiet/gvernijiet pubbliċi rispettivi tagħhom. Ir-rappreżentattivi tal-parteċipanti se jimmonitorjaw l-implimentazzjoni rigward l-iskop, il-prinċipji u l-istruttura tal-programm tas-SIF u jkollhom rwol ta' tħaffif. B' żieda ma' dan ikollhom il-funzjonijiet li ġejjin:

- jiffacilitaw koperazzjoni ġdida bejn is-segretarjati reġjonali,
- bdil ta' tagħrif dwar Prattika lokali, liġijiet, regolamenti u programmi rilevanti għall-koperazzjoni,
- jiffaċilitaw parteċipazzjoni ta' IŻM direttament u indirettament fil-programm tas-SIF. B' mod partikolari dan ikun jinkludi aċċess għal faċilita elettronika ta' tfittxija ta' sieħeb u reġistru elettroniku ta' espressjonijiet ta' interess, u,
- jippreżentaw għad-deċiżjoni lil amministrazzjonijiet tal-gvern/pubbliċi r-rakkomandazzjonijiet tal-KTI għad-dħul ta' parteċipanti ġodda.

Il-parteċipanti jorganizzaw, imexxu jew jinnominaw is-segretarjati reġjonali rispettivi tagħhom. B' mod partikolari, is-segretarjati reġjonali jinkludu r-responsabbiltajiet li ġejjin:

- jiffaċilitaw l-għażla f' waqtha ta' proġetti fil-livell reġjonali, skond ir-regoli u l-proċeduri fis-seħħ fir-reġjun tal-parteċipant.
- jassistu fil-formazzjoni ta' *consortium* ġo u matul reġjunijiet rispettivi, u,
- jaħdmu ma' gruppi ta' infrastruttura reġjonali biex jiffaċilitaw SIF.

7. Dewmien

Il-programm tas-SIF ikollu dewmien ta' 10 snin, kull parteċipazzjoni jkun jista' jirtira f' kull waqt bla ħsara għal avviż ta' 12-il xahar. Il-parteċipanti jistgħu jirvedu l-prinċipji tal-koperazzjoni tagħhom ħames snin wara l-ftuħ tagħhom sabiex jaraw jekk għandhiex titkompla, tiġi modifikata jew terminata. Dan jibel l-Artikolu VIII tat-TtR.

8. Implimentazzjoni ta' SIF fl-Ewropa

Il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera u n-Norveġja jirriserva l-għażla li jaġixxu flimkien bħala reġjun waħdieni, li jrid jiġi rappreżentat minn delegazzjoni kombinata dwar il-Kumitat ta' Tmexxija Internazzjonali u jiġi appoġġjat minn Segretarjat Ewropew SIF waħdieni.

Il-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea ttiprovdi l-appoġġ meħtieġ għas-segretarjat reġjonali.

Din l-ittra, flimkien ma' l-aċċettazzjoni tagħha mill-parteċipanti, tikkumplimenta u timmodifika t-TtR u tirreġistra l-ftehim komuni dwar il-prinċipji ta' koperazzjoni tas-SIF. Inkun kuntent jekk nirċievi l-konferma bikrija tiegħek ta' dan il-ftehim."

Għandi l-unur nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenuti ta' l-ittra tiegħek.

Għall-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera

L-ANNEX

**IT-TERMINI TA' REFERENZA GĦAL PROGRAMM TA' KOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI
FIL-MANIFATTURA AVVANZATA**

(Dan l-anness (u s-sussegwenti appendiċi) huma identiċi għal dawk ippublikati f'paġna 6 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)
